MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 891/2009

**GO plc – C22334**

**vs**

**Shangai Cuisine Limited – C25897**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta’ Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta’ seba’ mija u tnejn u ghoxrin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€722.25) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz tat-*telephone* li jgib in-numru 21351995, *account number* 40082329 kif jirrizulta minn diversi kontijiet mibghuta u kif ukoll minn dokumenti annessi ma’ dan l-avviz u mmarkati Dok “IZY 1” u “IZY 2”, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ezamina d-dokumenti esebiti; sema' ix-xhieda tal-PL Noel Scerri li bil-gurament tieghu kkonferma illi l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata tallum.

Innota wkoll illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm legalment giet notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta inkontestazzjoni ghat-talba attrici u lanqas ma dehret ghas-seduta tallum *nonostante* li giet imsejha diversi drabi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas s-somma ta' seba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€722.25) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------